(2) It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ineżattezza ta' fatti li tirrigwarda l-eżamijiet bil-miktub li twassal għal ksur mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u għal żnaturament tal-provi. L-appellanti tqis li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żbalja meta sostna li ma kienx stabbilit jew lanqas allegat li l-mistoqsijiet magħmula fl-eżamijiet bil-miktub kienu identiċi għall-kandidati kollha, peress li l-konvenuta kkonfermat dan il-fatt fir-risposta tagħha. Din l-ineżattezza affettwat il-konklużjoni legali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku peress li l-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament jeħtieġ li l-eżamijiet bil-miktub isiru fl-istess ħin għall-kandidati kollha, u mhux fi ġranet differenti kif kien il-każ fil-proċedura ta' selezzjoni tal-appellanti. Barra minn hekk, l-ewwel qorti ċaħdet il-motiv tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' anonimat tal-eżamijiet bil-miktub, billi bbażat fuq sempliċi allegazzjoni mill-FRA li hija kkontestat.

(3) It-tielet aggravju huwa bbażat fuq kompożizzjoni irregolari tal-Kumitat ta' Selezzjoni, fuq żnaturament tal-provi u fuq ksur mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni. L-appellanti tqis li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żbalja meta qies, mingħajr ebda motivazzjoni ulterjuri, li l-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni tal-FRA u l-Amminstratur Finanzjarju tal-FRA kellhom konoxxenza u esperjenza fil-fond fil-qasam ta' reklutaġġ, billi bbaża fuq sempliċi allegazzjonijiet tal-FRA kkontestati mill-appellanti. Din in-nuqqas ta' kompetenza affettwat ukoll ir-riżultati tas-selezzjoni.

(4) Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq dewmien irraġonevoli li tingħata sentenza. L-appellanti tqis li l-ewwel qorti żbaljat meta ddeċidiet li l-konvenuta kienet issodisfat l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni peress li l-appellanti ma kinitx taf, sal-proċeduri fl-ewwel istanza, liema kriterju ntuża għall-evalwazzjoni tal-kandidatura tagħha, ma kinitx informata liema kwalifiki ma kinitx issodisfat u ma rċevietx tqassim tal-punti globali li hija ngħatat sa dakinhar tas-seduta. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bbaża wkoll, b'mod illegali, fuq dokument ippreżentat mill-konvenuta waqt is-seduta sabiex jasal għall-konklużjoni li l-konvenuta kienet issodisfat l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni, mingħajr ma dan ma kien iġġustifikat minn kwalunkwe ċirkustanzi eċċezzjonali. Barra minn hekk, l-ewwel nett, jekk l-appellanti kienet irċeviet dan id-dokument matul il-fażi amministrattiva kif kienet talbet, hija kienet tkun tista' tifhem aħjar ir-raġunijiet għaliex ma ntgħażlitx u tikkontesta din id-deċiżjoni b'mod iktar effettiv. It-tieni nett, it-tul tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien ikun iktar raġonevoli.

(5) Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 87(2) u 88 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li jirrigwardaw l-ispejjeż, u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. L-appellanti tqis li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ordna illegalment lill-appellanti sabiex issostni l-ispejjeż tagħha u dawk tal-konvenuta.

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2013 — Othman vs Il-Kunsill

**(Kawża T-109/13)**

(2013/C 129/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Razan Othman (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara l-kawża tar-rikorrent ammissibbli u fondata;

— konsegwentement, tanulla d-Deċiżjoni 2012/739/PESK tad-29 ta' Novembru 2012 kif ukoll ir-Regolament Nru 1117/2012 (UE) tad-29 ta' Novembru 2012 u l-atti ta' eżekuzzjoni sussegwenti tagħhom, sa fejn jirrigwardaw ir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-432/11, Makhlouf vs Il-Kunsill ([1]).

([1]) ĠU 2011, C 290, p. 13.

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2013 — Ir-Repubblika tal-Litwanja vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża T-110/13)**

(2013/C 129/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriaučiūnas, R. Krasuckaitė u D. Skara)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru FK/fa/D(2012)1707818, tat-12 ta' Diċembru 2012, sa fejn in-nota ta' debitu Nru 3241213460 annessa magħha hija relatata ma' proġetti li l-eżekuzzjoni tagħhom kienet ġiet fdata lil impriżi li sussegwentement fallew u tikkonstata li l-Kummissjoni għandha tħallas lura s-somma ta' EUR 3 148 549,66;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru FK/fa/D(2012)1707818, tat-12 ta' Diċembru 2012, sa fejn in-nota ta' debitu Nru 3241213460 mehmuża magħha hija relatata mal-proġett Nru P27010010 u tikkonstata li l-Kummissjoni għandha tħallas lura s-somma ta' EUR 1 060 560,56;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż;

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi, ibbażati fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni.

(1) Billi adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma kkondividiet mar-Repubblika tal-Litwanja il-piż tat-telf fl-amministrazzjoni tal-fondi SAPARD jew, fi kwalunkwe każ, mingħajr lanqas ma eżaminat dik il-kwistjoni u mingħajr ma pprovdiet l-ebda raġuni għal dak ir-rifjut li tikkondividi l-piż tal-imsemmi telf, il-Kummissjoni Ewropea kisret l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1258/1999 ([1]), moqri flimkien mal-Artikolu 73(2) tar-Regolament Nru 1605/2002 ([2]), l-Artikolu 87 tar-Regolament Nru 2342/2002 ([3]) u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali sanċit fl-Artikolu 4(3) TUE.

(2) Billi naqset milli tinforma, tempestivament, lir-Repubblika Litwana dwar il-possibbiltà ta' annullament tad-dejn u ta' tħassir tal-impriża kkonċernata mil-lista ta' debituri, il-Kummissjoni kisret id-dispożizzjoni relatata mal-konsultazzjoni reċiproka li tinsab fil-punt 7.7.4 tat-taqsima F, tal-ftehim ta' finanzjament multi-annwali konkluż fl-2001 bejn ir-Repubblika tal-Litwanja u l-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-programm speċjali ta' adeżjoni għall-agrikolutura u l-iżvilupp rurali (SAPARD) ([4]), kkunsidrata fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni sanċit fl-Artikolu 4(3) TUE.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 414).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/25, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145).

([4]) *Valstybės Žinios*, 2001, n° 74-2589.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2013 — Oil Pension Fund Investment Company vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-121/13)**

(2013/C 129/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Oil Pension Fund Investment Company (Teheran, l-Iran) (rappreżentant: K. Kleinschmidt, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, b'effett immedjat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK, tal-21 ta' Diċembru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012, tal-21 ta' Diċembru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċeduri taħt l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tordna lill-konvenut jipproduċi d-dokumenti kollha dwar id-deċiżjoni kkontestata sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-dritt tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva